MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 305/2004

**Golden Harvest Mfg. Company Limited**

**Vs**

**St George's (Catering) Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm6,698) formanti parti minn somma akbar rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' hobz mibjugh u kunsinnat lilha fuq ordnijiet taghha kif jirrizulta ahjar mill-*statement* hawn anness u mmarkat Dok A.

Is-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

L-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *a tenur* ta’ l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma’ dan l-att affidavit markat Dok C *a tenur* tal-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Talbu ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b’dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2. Jigi kundannat sabiex ihallas lill-attur *nomine* l-ammont ta’ sitt elef sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm6,698) formanti parti minn somma akbar rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugh u kunsinnat lilu kif jirrizulta ahjar mill-*statement* hawn anness u markat Dok A.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Dicembru, 2003, kif ukoll tal-mandat ta’ qbid Nru 2301/03 u bl-imghaxijiet legali mid-data tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------